



Brussell, 21 ta' Marzu 2025  
(OR. en)

7273/25

---

Fajl Interistituzzjonal:  
2025/0069(NLE)

---

UK 34  
UD 56

### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn: Is-Segretarju Ĝeneralu tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur

data meta waslet: 21 ta' Marzu 2025

lil: Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ĝeneralu tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

---

Nru dok. Cion: COM(2025) 135 final

Suġġett: Proposta għal  
DEĊIJONI TAL-KUNSILL  
li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem I-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika fir-rigward tad-dikjarazzjoni li trid issir skont l-Artikolu 23(5)(a) tad-Deċiżjoni Nru 1/2023 tal-Kumitat Konġunt

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 135 final.

---

Mehmuż: COM(2025) 135 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 21.3.2025  
COM(2025) 135 final

2025/0069 (NLE)

Proposta għal

## **DEĊIJONI TAL-KUNSILL**

**li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat  
Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-  
Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika  
fir-rigward tad-dikjarazzjoni li trid issir skont l-Artikolu 23(5)(a) tad-Deċiżjoni Nru  
1/2023 tal-Kumitat Konġunt**

## **MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

### **1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA**

Din il-proposta tikkonċerna l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika<sup>1</sup> (“il-Ftehim dwar il-Ħruġ”) fir-rigward tad-dikjarazzjoni mill-Unjoni li għandha ssir skont l-Artikolu 23(5)(a) tad-Deċiżjoni Nru 1/2023 tal-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika tal-24 ta' Marzu 2023 li tistabbilixxi l-arranġamenti relatati mal-Qafas ta' Windsor<sup>2</sup> (“Deċiżjoni Nru 1/2023”). Il-Qafas ta' Windsor<sup>3</sup> jifforna parti integrali mill-Ftehim dwar il-Ħruġ.

### **2. KUNTEST TAL-PROPOSTA**

#### **2.1. Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Qafas ta' Windsor**

Il-Ftehim dwar il-Ħruġ jistabbilixxi l-arranġamenti għall-ħruġ ornat tar-Renju Unit mill-Unjoni u mill-Euratom. Il-Ftehim dwar il-Ħruġ daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2020. Fis-27 ta' Frar 2023, il-Kummissjoni Ewropea u l-Gvern tar-Renju Unit laħqu ftehim politiku fil-prinċipju dwar il-Qafas ta' Windsor. Fl-24 ta' Marzu 2023, il-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-Ħruġ adotta l-arranġamenti l-ġodda relatati mal-Qafas ta' Windsor u ż-żewġ Partijiet qablu li jaħdmu flimkien b'mod intensiv u leali biex jimplimentaw l-elementi kollha tal-Qafas ta' Windsor.

#### **2.2. Il-Kumitat Konġunt**

Il-Kumitat Konġunt stabbilit skont l-Artikolu 164(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ jinkludi rappreżentanti tal-Unjoni u tar-Renju Unit. Huwa kopresedut mill-Unjoni u mir-Renju Unit. L-Anness VIII tal-Ftehim dwar il-Ħruġ jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt. Il-Kumitat Konġunt jiltaqa' mill-anqas darba fis-sena fuq talba jew tal-Unjoni jew tar-Renju Unit, u jistabbilixxi l-iskeda tal-laqgħat u l-ägħda permezz ta' kunsens reċiproku.

Il-kompeti tal-Kumitat Konġunt huma stipulati fl-Artikolu 164 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, u prinċipalment huma:

- is-sorveljanza tal-implementazzjoni u l-applikazzjoni tal-Ftehim direttament jew permezz tal-ħidma tal-kumitat speċjalizzati li jirrapportaw lil;
- l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet u rakkommandazzjonijiet, inklużi emendi tal-Ftehim fil-każijiet previsti fi;
- il-prevenzjoni ta' problemi u s-soluzzjoni ta' tilwim li jistgħu jinqalgħu rigward l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-Ftehim.

<sup>1</sup> ĠU L 29, 31.1.2020, ELI: [http://data.europa.eu/eli/treaty/withd\\_2020/sign](http://data.europa.eu/eli/treaty/withd_2020/sign).

<sup>2</sup> ĠU L 102, 17.4.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2023/819/oi>.

<sup>3</sup> Id-Dikjarazzjoni Konġunta Nru 1/2023 tal-Unjoni u tar-Renju Unit fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika tal-24 ta' Marzu 2023 [ĠU L 102, 17.4.2023, p. 87](#).

### **2.3. L-att previst tal-Kumitat Konġunt**

Fil-laqgħa li jmiss tal-Kumitat Konġunt, l-Unjoni għandha tagħmel id-dikjarazzjoni prevista fl-Artikolu 23(5)(a) tad-Deċiżjoni Nru 1/2023.

### **3. IL-POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI**

### **3.1. L-Artikolu 23(5) tad-Deċiżjoni Nru 1/2023**

Skont l-Artikolu 23(5) tad-Deċiżjoni Nru 1/2023, wara d-dħul fis-seħħ fid-29 ta' Ġunju 2023 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/1128 tal-24 ta' Marzu 2023 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 biex jipprevedi formalitajiet doganali simplifikati għannejgozjanti fdati u biex jintbagħtu pakketti fl-Irlanda ta' Fuq minn parti oħra tar-Renju Unit<sup>4</sup> (jiġifieri, l-att tal-Unjoni li jipprevedi faċilitazzjonijiet relatati mal-moviment tal-merkanzija msemmija fl-Artikolu 7(1)(a) (ii) u l-Artikolu 7(1)(a) (iii) tad-Deċiżjoni Nru 1/2023), l-Artikolu 7(1)(a) (iii), l-Artikolu 13 u l-Artikolu 15(3) tal-istess Deċiżjoni għandu japplika mill-ewwel jum tax-xahar wara dak li fih tkun saret l-aħħar waħda mid-dikjarazzjonijiet li ġejjin fil-Kunitat Konġunt:

- (a) dikjarazzjoni mill-Unjoni li tistipula li hija sodisfatta li r-Renju Unit stabbilixxa n-networks, is-sistemi tal-informazzjoni u l-bażijiet tad-data fir-rigward tad-data msemmija fl-Artikolu 141(1)(d)(vii) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2446 li għandha tīgħi pprovdua lill-awtorità kompetenti tar-Renju Unit, u hija sodisfatta bl-implementazzjoni mir-Renju Unit tal-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni tal-Kunitat Konġunt Nru 6/2020<sup>5</sup> (“Deċiżjoni Nru 6/2020”) permezz tal-għoti ta’ accress għall-informazzjoni li tinsab f’dawn in-networks, fis-sistemi tal-informazzjoni u fil-bażijiet tad-data; kif ukoll

(b) dikjarazzjoni mir-Renju Unit li tistipula li t-trasportaturi awtorizzati kollha jistgħu jikkonformaw mal-obbligli stabbiliti fl-Artikolu 13 tad-Deċiżjoni Nru 1/2023.

Ta' min jinnota li r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/1128 għandu japplika wkoll mill-ewwel jum tax-xahar wara dak li fi tkun saret l-aħħar waħda mid-dikjarazzjonijiet imsemmija hawn fuq fil-Kunitat Konġunt.

### **3.2. Id-dikjarazzjoni tal-Unjoni skont l-Artikolu 23(5)(a) tad-Deċiżjoni Nru 1/2023**

Id-dikjarazzjoni mill-Unjoni tkopri żewġ oġġett: (i) l-istabbiliment mir-Renju Unit tan-networks, tas-sistemi ta' informazzjoni u tal-bażijiet tad-data fir-rigward tad-data msemmija fl-Artikolu 141(1)(d) (vii) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2446 li għandhom jiġu pprovduti lill-awtorità kompetenti tar-Renju Unit; u (ii) l-implementazzjoni mir-Renju Unit tal-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni Nru 6/2020 permezz tal-għoti ta' aċċess għall-informazzjoni li tinsab f'dawn in-networks, fis-sistemi tal-informazzjoni u fil-bażijiet tad-data.

*L-istabbiliment tan-netwerks, tas-sistemi tal-informazzjoni u tal-bażijiet tad-data rilevanti*

Għall-finijiet tal-konformità mal-obbligu msemmi bħala 1-punt (i) hawn fuq, ir-Renju Unit ħoloq sistema (“is-sistema”) biex jīgħor id-data rilevanti għall-pakketti min-Negozju għall-Konsumatur (“B2C”) mibgħuta minn trasportaturi awtorizzati minn parti oħra tar-Renju Unit lejn l-Irlanda ta’ Fuq. Din id-data għandha tīġi ppreżentata mit-trasportaturi awtorizzati lill-awtoritajiet doganali tar-Renju Unit qabel il-kunsinna tal-merkanzija lill-individwu privat.

<sup>4</sup> ĠU L 149, 9.6.2023, ELI: [http://data.europa.eu/eli/reg\\_del/2023/1128/oj](http://data.europa.eu/eli/reg_del/2023/1128/oj).

<sup>5</sup> ĠU L 443, 30.12.2020, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2020/2250/oj>.

Is-sistema ġiet stabbilita għall-ewwel darba f'April 2024, qabel ma r-Renju Unit fetaħ il-possibbiltà li t-trasportaturi japplikaw għall-iskema tat-trasportaturi awtorizzati (“Skema tat-Trasportatur tar-Renju Unit”) fl-1 ta’ Mejju 2024<sup>6</sup>. Minn dak iż-żmien ’il hawn, is-sistema ġiet żviluppata u ntużat fuq bażi volontarja mill-operaturi rreġistrati taħt l-Iskema tat-Trasportaturi tar-Renju Unit biex jikkondividu d-data dwar il-pakketti B2C mibgħuta minn negozju fir-Renju Unit (għajr l-Irlanda ta’ Fuq) lil individwu privat residenti fl-Irlanda ta’ Fuq. Id-data pprovduta fis-sistema mit-trasportaturi awtorizzati rreġistrati skont l-Iskema tat-Trasportaturi tar-Renju Unit hija d-data stabbilita fl-Anness 52-03 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2446.

Abbażi ta’ dan, l-Unjoni tinsab f’pożizzjoni li tiddikjara li hija sodisfatta, skont it-tifsira tal-ewwel parti tal-Artikolu 23(5)(a) tad-Deċiżjoni Nru 1/2023, bl-istabbiliment mir-Renju Unit tan-networks, tas-sistemi ta’ informazzjoni u tal-bażijiet tad-data b’rabta mad-data msemija fl-Artikolu 141(1)(d)(vii) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2446.

*Aċċess għall-informazzjoni inkluża fin-networks, fis-sistemi tal-informazzjoni u fil-bażijiet tad-data rilevanti*

Għall-finjiet tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni Nru 6/2020 fir-rigward tas-sistema, ir-Renju Unit żgura fis-sistema legali tiegħu li jagħti aċċess għall-informazzjoni mqiegħda fis-sistema mill-operaturi rreġistrati skont l-Iskema tat-Trasportaturi tar-Renju Unit lill-uffiċjali rilevanti fil-Kummissjoni Ewropea, inklużi r-rappreżentanti tal-Unjoni msemija fl-Artikolu 12(2) tal-Qafas ta’ Windsor. L-uffiċjali tal-Kummissjoni ttestjaw il-funzjonament tas-sistema, u d-data ppreżentata s’issa. Ir-riżultati tal-fażi tal-itteşjar juru li s-sistema tikkonforma mal-parametri tekniċi meħtieġa.

Għalhekk, l-Unjoni tinsab f’pożizzjoni li tiddikjara li hija sodisfatta, skont it-tifsira tat-tieni parti tal-Artikolu 23(5)(a) tad-Deċiżjoni Nru 1/2023, bl-implimentazzjoni mir-Renju Unit tal-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni Nru 6/2020 fir-rigward tal-għoti ta’ aċċess għall-informazzjoni li tinsab fin-networks, is-sistemi ta’ informazzjoni u l-bażijiet tad-data stabbiliti mir-Renju Unit b’rabta mad-data msemija fl-Artikolu 141(1)(d)(vii) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2446.

#### 4. BAŻI LEGALI

##### 4.1. Bażi legali proċedurali

###### 4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet tal-Kunsill li jistabbilixxu “l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f’isem l-Unjoni f’sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.”

Barra minn hekk, il-kunċett ta’ “atti li jkollhom effetti legali” jinkludi l-atti li jkollhom effetti legali bis-saħħha tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw il-korp inkwistjoni. Dan jinkludi wkoll strumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li “jistgħu jinfluwenzaw b’mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni”<sup>7</sup>.

<sup>6</sup> Ara [Check if you can apply for the UK Carrier Scheme - GOV.UK](https://www.gov.uk/guidance/check-if-you-can-apply-for-the-uk-carrier-scheme).

<sup>7</sup> Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta’ Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, [ECLI:EU:C:2014:2258](https://curia.europa.eu/juris/case/EU:C/2014/2258_en.html), il-paragrafi 61 sa 64.

#### *4.1.2. Applikazzjoni għal dan il-każ*

Il-Kumitat Konġunt huwa korp stabbilit permezz ta' ftehim, jiġifieri l-Ftehim dwar il-Ħruġ.

L-Unjoni u r-Renju Unit jistgħu jagħmlu dikjarazzjonijiet unilaterali fil-Kumitat Konġunt. Id-dikjarazzjoni unilaterali prevista mill-Unjoni li għandha ssir fil-Kumitat Konġunt skont l-Artikolu 23(5)(a) tad-Deċiżjoni Nru 1/2023 tikkostitwixxi att li għandu effetti legali, fis-sens tal-Artikolu 218(9) TFUE.

L-att previst ma jissupplementax jew ma jemendax il-qafas istitutionali tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

Għalhekk, il-bażi legali proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) TFUE.

### **4.2. Bażi legali sostantiva**

#### *4.2.1. Prinċipji*

Il-bażi legali sostantiva għal-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE tiddependi primarjament mill-objettiv u l-kontenut tal-att previst li fir-rigward tiegħi tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew ikollu żewġ komponenti u jekk wieħed minn dawn l-għanijiet jew komponenti jkun identifikabbli bħala dak ewljeni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE trid tissejjes fuq bażi legali sostantiva waħda, jiġifieri dik meħtieġa mill-ġhan jew mill-komponent ewljeni jew predominant.

#### *4.2.2. Applikazzjoni għal dan il-każ*

Id-dikjarazzjoni unilaterali li għandha ssir mill-Unjoni fil-Kumitat Konġunt tirrigwarda l-Qafas ta' Windsor, li jifforma parti integrali mill-Ftehim dwar il-Ħruġ, li ġie konkluż abbażi tal-Artikolu 50(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE).

Għalhekk, il-bażi legali sostantiva tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 50(2) TUE.

### **4.3. Konklużjoni**

Jenħtieġ li l-bażi legali tad-deċiżjoni proposta tkun l-Artikolu 50(2) TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) TFUE.

## **5. PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST**

Fl-interess taċ-ċertezza legali u tat-trasparenza, huwa xieraq li d-dikjarazzjoni unilaterali mill-Unjoni tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea wara li tkun saret fil-Kumitat Konġunt. Barra minn hekk, għandu jiġi previst avviż f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, fis-sens li tkun saret id-dikjarazzjoni unilaterali li trid issir mir-Renju Unit fil-Kumitat Konġunt skont l-Artikolu 23(5)(b) tad-Deċiżjoni Nru 1/2023.

## Proposta għal

**DEĊIJONI TAL-KUNSILL**

**li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika fir-rigward tad-dikjarazzjoni li trid issir skont l-Artikolu 23(5)(a) tad-Deċiżjoni Nru 1/2023 tal-Kumitat Konġunt**

**IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,**

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 50(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (“il-Ftehim dwar il-Ħruġ”) ġie konkluż mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/135<sup>8</sup> tat-30 ta' Jannar 2020 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2020.
- (2) F'konformità mal-Artikolu 182 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, il-Qafas ta' Windsor<sup>9</sup> jifforma parti integrali minn dak il-Ftehim.
- (3) Skont l-Artikolu 23(5) tad-Deċiżjoni Nru 1/2023 tal-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-Ħruġ tal-24 ta' Marzu 2023 li jistabbilixxi l-arranġamenti relatati mal-Qafas ta' Windsor<sup>10</sup> (“id-Deċiżjoni Nru 1/2023”), l-Artikolu 7(1)(a)(iii), l-Artikolu 13 u l-Artikolu 15(3) tad-Deċiżjoni Nru 1/2023 għandhom japplikaw mill-ewwel jum tax-xahar wara dak li fih l-aħħar waħda mid-dikjarazzjonijiet, li għandhom isiru rispettivament mill-Unjoni u mir-Renju Unit u msemmija fl-Artikolu 23(5)(a) u (b), ikunu saru fil-Kumitat Konġunt.
- (4) Mill-ewwel jum tax-xahar wara dak li fih tkun saret l-aħħar waħda mid-dikjarazzjonijiet imsemmija fil-premessa preċedenti fi ħdan il-Kumitat Konġunt, il-formalitajiet doganali simplifikati previsti fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni

<sup>8</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/135 tat-30 ta' Jannar 2020 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, ĠU L 29, 31.1.2020, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2020/135/oj>.

<sup>9</sup> Id-Dikjarazzjoni Konġunta Nru 1/2023 tal-Unjoni u tar-Renju Unit fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika tal-24 ta' Marzu 2023, ĠU L 102, 17.4.2023, p. 87.

<sup>10</sup> Id-Deċiżjoni Nru 1/2023 tal-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika tal-24 ta' Marzu 2023 li tistabbilixxi l-arranġamenti relatati mal-Qafas ta' Windsor, ĠU L 102, 17.4.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2023/819/oj>.

(UE) 2023/1128 tal-24 ta' Marzu 2023 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 se jsiru applikabbi.

- (5) Skont l-Artikolu 23(5)(a) tad-Deċiżjoni Nru 1/2023, l-Unjoni mistennija tagħmel dikjarazzjoni fil-Kumitat Konġunt li tistipula li hija sodisfatta li r-Renju Unit stabbilixxa n-networks, is-sistemi tal-informazzjoni u l-bażijiet tad-data fir-rigward tad-data msemmija fl-Artikolu 141(1)(d)(vii) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2446<sup>11</sup> li għandha tīgħi pprovduta lill-awtorità kompetenti tar-Renju Unit, u hija sodisfatta bl-implimentazzjoni mir-Renju Unit tal-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt Nru 6/2020<sup>12</sup> permezz tal-għoti ta' aċċess għall-informazzjoni li tinsab f'dawn in-networks, fis-sistemi tal-informazzjoni u fil-bażijiet tad-data.
- (6) F'April 2024, ir-Renju Unit ħoloq sistema ("is-sistema") biex jiġibor mingħand it-trasportaturi awtorizzati d-data rilevanti għall-pakketti minn Business to Consumer ("B2C") li huma jibagħtu minn parti oħra tar-Renju Unit lejn l-Irlanda ta' Fuq. Minn dak iż-żmien 'il hawn, is-sistema ġiet żviluppata u ntużat matul il-fażi tal-ittestjar fuq bażi volontarja mill-operaturi rreġistrati taħt l-Iskema tat-Trasportaturi tar-Renju Unit biex jipprovu d-data dwar il-pakketti B2C mibgħuta minn negozju fir-Renju Unit (għajnej l-Irlanda ta' Fuq) lil individwu privat residenti fl-Irlanda ta' Fuq. Id-data pprovduta fis-sistema mit-trasportaturi awtorizzati rreġistrati skont l-Iskema tat-Trasportaturi tar-Renju Unit hija d-data stabbilita fl-Anness 52-03 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2446.
- (7) Għall-finijiet tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni Nru 6/2020 fir-rigward tas-sistema, ir-Renju Unit żgura fis-sistema legali tiegħu li jaġhti aċċess għall-informazzjoni mqiegħda fis-sistema mill-operaturi rreġistrati skont l-Iskema tat-Trasportaturi tar-Renju Unit lill-uffiċċali rilevanti fil-Kummissjoni Ewropea, inklużi rrappreżentanti tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 12(2) tal-Qafas ta' Windsor. L-uffiċċali tal-Kummissjoni ttestjaw il-funzjonament tas-sistema, u d-data ppreżentata s'issa. Ir-riżultati tal-fażi tal-ittestjar juru li s-sistema tikkonforma mal-parametri tekniċi meħtieġa.
- (8) Huwa xieraq li tīgħi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt,

#### ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### *Artikolu Uniku*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt stabbilit bl-Artikolu 164(1) tal-Ftehim dwar il-ħruġ ("il-Kumitat Konġunt") fir-rigward tad-Dikjarazzjoni Unilaterali li għandha ssir mill-Unjoni fil-Kumitat Konġunt skont l-Artikolu 23(5)(a) tad-

<sup>11</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2446 tat-28 ta' Lulju 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' regoli dettaljati li jikkonċernaw uħud mid-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, ĠU L 343, 29.12.2015, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/dec/2015/2446/oj>.

<sup>12</sup> Id-Deċiżjoni Nru 6/2020 tal-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika tas-17 ta' Diċembru 2020 li tipprevedi l-arranġamenti praktici ta' ħidma relatati mal-eżerċizzju tad-drittijiet tar-rappreżentanti tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 12(2) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq, ĠU L 443, 30.12.2020, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2020/2250/oj>.

Deċiżjoni Nru 1/2023 għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-Dikjarazzjoni Unilaterali mehmuż f'din id-Deċiżjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*